MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 1431/2001/1

**Michelle Shires u Tristam Shires kif ukoll Maria Concetta sive Mari Shires**

**v.**

**Giovanna Bonello, Vincent u Antoinette konjugi Bonello u Joseph Bonello u b'digriet tat-13 ta'Awwissu 2002, stante l-mewt tal-konvenuta Giovanna Bonello, l-atti gew trasfuzi f'isem iz-zewg werrieta Joseph Bonello u Vincent Bonello, u b'digriet tat-18 ta' Dicembru 2002 l-Avukat Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Hilda Ellul Mercer gew nominati kuraturi deputati ghal Maria Concetta sive Mari Shires bhala eredi ukoll ta' l-istess Giovanna Bonello**

**Il-Qorti:**

Fl-ewwel lok tirrileva li din il-kawza giet imhollija ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-seduta tat-12 ta' Dicembru 2008.

Illi fil-kors ta' l-ezami tal-atti tal-kawza ghal fini ta' deliberazzjoni u decizjoni tal-appell in dizamina, din il-Qorti rriskontrat is-segwenti fatti;

(1) li d-digriet li in forza tieghu inhareg il-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1286/86 fuq talba tal-attrici appellata pro et nomine datat is-6 ta' Jannar 1987 (ara fol. 195 tal-process) gie moghti mill-Imhallef Joseph A. Filletti li huwa wiehed mil-istess Imhallfin sedenti f'dana l-appell; u

(2) li minkejja li skond il-verbal datat it-23 ta' Novembru 2005 (fol. 145), kienu nstemghu bhala xhieda in kontro-ezami l-konvenuti appellanti Vincent Bonello u Joseph Bonello quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, it-traskrizzjoni ta' dawn iz-zewg disposizzjonijiet ma jidhirx li giet inserita` fl-atti tal-kawza;

In vista tas-suespost, prevja s-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza tordna biex ghalissa (1) il-partijiet jiddikjaraw b'nota sas-seduta li jmiss jekk hemmx xi oggezzjoni li l-imsemmi Imhallef Joseph A. Filletti jibqa' jifforma parti minn din il-Qorti minkejja li ta d-digriet surreferit ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni relattiv ghall-vertenza ezistenti bejn il-kontendenti; u (2) f'kull kaz, tordna lir-Registratur biex mill-aktar fis jiehu hsieb jinserixxi fl-atti kopja tat-traskrizzjonijiet taz-zewg deposizzjonijiet fuq imsemmija moghtijin mill-konvenuti Vincent Bonello u Joseph Bonello.
Din il-kawza qeghda, ghalhekk, tigi differita ghal dan l-iskop.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------